# Id-Dar Tieghi

Ta' Ġer. Azzopardi

KONT nieżel għax-xogħol għodwa waħda u lmaħt xi djar jinbnew u nissilt il-ħsieb li ntella' waħda ċkejkna jiena wkoll. Rajt sa fejn nista' mmidd riġlejja u sibt li ma kellix biżżejjed, dort fuq xi qraba jew ħbieb u wegħduni li jgħinuni. Tkixxift min hu sid l-art, ftehemna u sibt perit u mgħallem għal qalbi li wissewni, għenuni u ma għafsunix.

Beda ġej il-ġebel u jinhadem, tħaffru s-sisien, il-ġebel beda jitqiegħed waħda ma' l-oħra u kantun fuq ieħor, ma ħax żmien wisq biex inbena — għax dari mhix il-palazz tal-baruni, anqas il-kastell tal-prinċep — iżda żewġt ikmamar fejn ħaddiem bħali jdaħħal rasu biex jaħrab qillet ix-xitwa u ħruq ix-xemx sajfija, fejn jistrieħ u jiftaħ qalbu mal-familja wara jum xogħol — u daqsxejn ta' bitħa b'xiber ħamrija fejn wieħed iħawwel lumija u larinġa.

F'daż-żmien, moħħi bdejt nagħsru għax ix-xlief kien qasir u btiegħi li nbakkar u nisħar, naħdem u nistinka biex niffranka sold minn hawn u xelin minn hemm, u għalhekk swietli għaraq doppju. Biex taqgħad, imbagħad, ġratli ġażiba li tiġri lil ħafna żgħażagħ iżda kull deni ħudu b'ġid, stabart u ż-żmien ifejjaq u juri l-iżball. Wara ħafna taħbit id-dar kienet tajba biex wieħed igħammar fiha, u hekk kif tejjigna jien u s-sieħba li Alla bagħatli morna ngħammru fiha, dar ġdida għal familja li għadha kif bdiet tissawwar.

Ftit wara faqqgħet il-mishuta gwerra u mat-tfigħ tal-bombi qalbna bdiet ittaqtaq li d-dar sa tiġġarraf. Waqt attakk aħrax nitla' mix-xelter, kollu daħna u għabra, xhieda ta' bombi fil-qrib, u nsib id-dar miftuħa kollha, ġir imwaqqa', ġebel imkisser, ħġieġ imfarrak u bibien u twieqi maqlugħin, imbikkem, dort il-kmamar, tlajt fuq il-bejt u sibt li erba' bombi ġew ftit ixbar 'il bogħod, ġo għalqa, u erġajt inżilt fix-xelter ngħid f'qalbi li dak li għażilt ma sarlix suf għal kollox. Sewwejt fuq, fuq, u issa li l-għadu tbiegħed id-dar issewwiet sewwa u ma baqa' jidher xejn mill-ħsara li għoġbu jagħmel l-għadu ħlief ħofra fil-ħajt minn splinter biex tfakkarna li ħlisnieha bil-ħniena t'Alla.

Issa li ż-żmien għaddej ġmielu u l-familja, li bdiet tissawwar mad-dar, qiegħda tikber ma nistenniex ħaġ'oħra minn din id-dar, li swietli ħsieb, xogħol, għaraq u tbatija mhux ftit, ħlief ftit tal-faraġ fil-jiem li baqagħli ngħix.